PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0101(CNS)

5.8.2008

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' l-Informazzjoni ta' Rekords Kriminali - (ECRIS) kif applikata fl-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2008/XX/JHA
(COM(2008)0332 – C6-0216/2008 – 2008/0101(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Luca Romagnoli

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI.....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' l-Informazzjoni ta' Rekords Kriminali - (ECRIS) kif applikata fl-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2008/XX/JHA
(COM(2008)0332 – C6-0216/2008 – 2008/0101(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2008)0332),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 31 u 34(2)(c) tat-Trattat tal-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat ta' l-UE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0216/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat tal-KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Fil-każ li din il-proposta ma tgħaddix qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, huwa determinat li jeżamina kull proposta futura fil-qafas ta' proċedura urġenti, f'koperazzjoni mill-qrib mal-parlamenti nazzjonali;

6. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Id-deċiżjoni attwali hija bbażata fuq prinċipji diġà stabbiliti tad-deċiżjoni ta' qafas 2008/XX/GAI tal-Kunsill rigward l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambji bejn l-Istati Membri ta' tagħrif meħud mir-rekords kriminali u tikkumplimenta u tapplika dawn il-prinċipji minn perspettiva teknika.

Or. it

Raġunament għall-azzjoni

Jidher xieraq li jiġi ċċarat li din id-deċiżjoni hija waħda li tapplika u tforni strument regolarju li diġà jeżisti, mingħajr ma jiġu alterati l-prinċipji tiegħu.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jiġi żgurat il-ftehim reċiproku u t-trasparenza tal-kategorizzazzjoni komuni, kull Stat Membru għandu jissottometti l-lista ta' *offiżi* u sanzjonijiet nazzjonali li jaqgħu f'kull kategorija msemmija fit-tabella rispettiva, kif ukoll il-lista tal-qrati kriminali nazzjonali. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli lill-awtoritajiet ġudizjarji nazzjonali *b'mod partikolari* permezz ta' kwalunkwe mod disponibbli.	(9) Sabiex jiġi żgurat il-ftehim reċiproku u t-trasparenza tal-kategorizzazzjoni komuni, kull Stat Membru għandu jissottometti l-lista ta' *reati* u sanzjonijiet nazzjonali li jaqgħu f'kull kategorija msemmija fit-tabella rispettiva, ***flimkien ma' spjegazzjoni qasira tal-elementi li jikkostitwixxu r-reat,*** kif ukoll il-lista tal-qrati kriminali nazzjonali. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli *b'mod partikolari* lill-awtoritajiet ġudizjarji nazzjonali permezz ta' kwalunkwe mod disponibbli.

Or. it

Raġunament għall-azzjoni

Id-differenzi li ta' spiss ikunu sostanzjali bejn id-definizzjoni tar-reati fil-bosta Stati Membri juru dejjem aktar il-bżonn li informazzjoni ta' dan it-tip tkun disponibbli għall-persuni li se jkollhom jużaw tagħrif mir-rekords kriminali. Din l-emenda hija marbuta mal-Emenda 6 li ssegwi.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 9 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) It-tabelli ta' referenza li jinsabu fl-Annessi A u B bl-ebda mod ma jimmiraw biex jarmonizzaw l-elementi tar-reat jew is-sanzjonijiet stabbiliti fihom, li se jibqgħu jiġu regolati mil-liġi nazzjonali.

Or. it

Raġunament għall-azzjoni

Għandu jkun iċċarat li d-deċiżjoni attwali ma għandhiex l-aspirazzjoni li tarmonizza l-liġi kriminali sostanzjali, iżda li tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni meħuda mir-rekords kriminali.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Iż-żewġ tabelli ta' referenza tal-kategoriji ta' *offiżi* u s-sanzjonijiet, kif ukoll l-istandards tekniċi *użatu* għall-iskambju ta' l-informazzjoni għandhom jirrikjedu reviżjoni kontinwa u aġġornament regolari. ***Il-poteri implimentatttivi f'dan ir-rigward ġew għaldaqstant iddelegati lill-Kummissjoni assistita minn Kumitat. Il-proċedura regolatorja taħt il-liġi Komunitarja għandha tapplika mutatis mutandis għall-***	(13) Iż-żewġ tabelli ta' referenza tal-kategoriji ta' *reati* u s-sanzjonijiet, kif ukoll l-istandards tekniċi *użati* għall-iskambju ta' l-informazzjoni għandhom jirrikjedu reviżjoni kontinwa u aġġornament regolari.

adozzjoni tal-miżuri neċessarji biex tkun implimentat din id-Deċiżjoni.

Or. it

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Sabiex ikun żgurat l-operat effiċjenti tal-ECRIS, il-Kummissjoni għandha tipprovdi servizzi ta' sostenn u monitoraġġ ġenerali.	5. Sabiex ikun żgurat l-operat effiċjenti tal-ECRIS, il-Kummissjoni għandha tipprovdi servizzi ta' sostenn ***kif ukoll*** monitoraġġ ***u verifika*** ġenerali ***tal-applikazzjoni ġusta tal-miżuri definiti fl-Artikolu 6.***

Or. it

Raġunament għall-azzjoni

Fil-fażi tal-applikazzjoni tas-sistema ta' interkonnessjoni, il-kordinament u s-superviżjoni tal-Komunità Ewropea, li fl-istess ħin għandha viżjoni ġenerali u l-kompetenzi tekonoloġiċi bżonnjużi għal dan il-għan, huma meħtieġa.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 - paragrafu 1 - punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-lista ta' *offiżi* nazzjonali f'kull kategorija msemmija fit-tabella *ta' l-offiżi* fl-Anness A. Il-lista għandha tinkludi l-isem u l-klassifika legali *ta' l-offiża* u r-referenza għad-dispożizzjoni legali applikabbli. ***Tista'*** tinkludi wkoll deskrizzjoni qasira ta' l-elementi li jikkostitwixxu *l-offiża*;	(a) il-lista ta' *reati* nazzjonali f'kull kategorija msemmija fit-tabella *tar-reati* fl-Anness A. Il-lista għandha tinkludi l-isem u l-klassifika legali *tar-reat* u r-referenza għad-dispożizzjoni legali applikabbli. ***Trid*** tinkludi wkoll deskrizzjoni qasira ta' l-elementi li jikkostitwixxu *r-reat*;

Or. it

Motivazione

In virtu' delle differenze spesso sostanziali che caratterizzano la definizione delle fattispecie di reato nei diversi Paesi membri, appare quanto mai appropriato richiedere in via obbligatoria, unitamente al titolo del reato, anche la descrizione dei suoi elementi costituitivi. Al fine di fornire la più completa ed accurata informazione all'autorità giudiziaria, occorre, infatti, renderle immediatamente accessibili sia i dati formali che quelli sostanziali relativi all'infrazione commessa. Tale necessità é a maggior ragione avvertita nel caso in cui il reato non rientri in una delle sottocategorie ma rimanga in una categoria aperta.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu mhux innumerat

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri għall-implimentazzjoni li ġejjin għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7:	***Fejn meħtieġ u f'konformità mal-Artikolu 42, paragrafu 2(c), u l-Artikolu 39 tat-Trattat tal-UE, il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill l-adozzjoni tal-miżuri kollha meħtieġa biex jitjib l-operat tal-ECRIS u biex tiġi żgurata l-interoperabilità tagħha mas-sistemi nazzjonali bħal:***

Or. it

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7 ***Proċedura tal-Kumitat***	***imħassar***
1. Fejn ikun hemm referenza għal dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat regolatorju magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresjedut min rappreżentant tal-Kummissjoni (il-"Kumitat"). ***2. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.*** ***3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni***	

għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz, fi żmien limitat li l-president jista' jistabilixxi skond l-urġenza tal-kwistjoni. L-opinjoni għandha titwassal mill-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 205(2) u (4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill huwa meħtieġ li jadotta fuq proposta tal-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri ġewwa l-Kumitat għandhom jiġu peżati bil-mod stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-President m' għandux jivvota.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri previsti jekk dawn ikunu konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

5. Jekk il-miżuri previsti ma jkunux konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew fin-nuqqas ta' opinjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tagħti proposta lill-Kunsill dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u din għandha tinforma lill-Parlament Ewropew.

6. Il-Kunsill jista' jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata dwar il-proposta, fi żmien tliet xhur mid-data ta' referenza lill-Kunsill. Jekk f'dan il-perjodu l-Kunsill ikun indika b'maġġoranza kwalifikata li huwa kontra l-proposta, il-Kummissjoni terġa' teżaminaha. Din tista' tagħti proposta emendata lill-Kunsill, terġa titfa' l-proposta tagħha jew tippreżenta proposta leġiżlattiva fuq il-bażi tat-Trattat.

Jekk, fl-għeluq tal-perjodu, il-Kunsill la jaddotta l-att ta' implimentazzjoni propost u l-anqas ma jindika oppożizzjoni għall-proposti tal-miżuri ta' implimentazzjoni, l-att ta' implimentazzjoni propost għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni.

Or. it

Motivazione per gli emendamenti 4, 7 e 8

La Corte di Giustizia (C-133/06) ha recentemente ribadito il principio che "le regole relative alla formazione della volontà delle istituzioni comunitarie trovano la loro fonte nel Trattato e non sono derogabili né dagli Stati membri né dalle stesse istituzioni". Conformandosi alla giurisprudenza della Corte, gli emendamenti 4, 7 e 8 sono il frutto di una rigorosa interpretazione del Trattato sull'Unione europea, che non prevede la c.d. Comitologia per le materie disciplinate dal Titolo VI, né autorizza la creazione di basi giuridiche secondarie al di fuori dei casi disciplinati dai Trattati. Il sistema elaborato nel Titolo VI, ed in particolare il combinato disposto degli articoli 34 e 39, prevede, infatti, che eventuali misure di attuazione delle decisioni debbano essere adottate seguendo la procedura indicata dall'articolo 39.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-iskambju ta' tagħrif meħud mir-rekords kriminali għadu essenzjalment ibbażat fuq ir-regoli stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali, adottata mill-Kunsill tal-Ewropa fl-1959, u b'mod partikulari l-Artikoli 13 u 22 tagħha, li tipprovdi li din l-informazzjoni għandha tkun ikkomunikata mill-Ministri għall-Ġustizzja ta' lanqas darba fis-sena.

Il-Kummissjoni Ewropea, wara li osservat l-ineffiċjenza u d-dewmien kbir ta' ġabet din is-sistema, ressqet medda ta' inizjattivi regolatorji mill-2005 'l quddiem, immirati min-naħa biex jirregolaw u jiffaċilitaw l-iskambju ta' estratti mir-rekords kriminali u, min-naħa l-oħra, biex jiġu stabbiliti regoli dwar l-użu li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu minn dawn l-estratti.

L-aspett aħħari ġie indirizzat fid-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar li għandhom jitqiesu il-kundanni fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea matul proċedimenti kriminali ġodda. Din id-Deċiżjoni ta' Qafas tistabbilixxi l-prinċipju ta' l-ekwivalenza bejn sentenzi mogħtija minn awtoritajiet ġudizjarji nazzjonali u sentenzi mogħtija minn awtoritajiet ġudizjarji ta' Stat Membru ieħor.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/876/JHA tal-21 ta' Novembru 2005 dwar l-iskambju ta' tagħrif estratt minn rekords kriminali hija, kronoloġikament, l-ewwel miżura mmirata biex tirregola u tiffaċilità l-iskambju ta' informazzjoni. Hija bbażata fuq il-prinċipju li kull Stat Membru jimmaniġġja l-informazzjoni li għandha x'taqsam maċ-ċittadini tiegħu u tistipula li l-informazzjoni estratta mir-rekords kriminali iridu jintbagħtu lill-Istat Membru li jitlobha fi żmien 10 ijiem mir-rikjesta, bl-użu ta' formula prevista għal dan il-għan. L-informazzjoni miksuba tista' tintuża biss għall-għan li għalih ġiet mitluba.

Il-proposta għal deċiżjoni ta' qafas dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju tal-informazzjoni estratta mir-rekords kriminali fost l-Istati Membri (COM(2005) 690 finali), ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea lejn l-aħħar tal-2005, ġiet imfassla biex tiżviluppa fuq dak il-qafas legali. Hija tiżviluppa fuq il-prinċipju bażiku li l-Istati Membri; li tagħhom il-persuna kkundannata tkun ċittadin, għandhom ikun punt ta' riferiment għar-rikjesti kollha marbuta mar-rekords kriminali, sabiex jiġi żgurat li kull sentenza li tingħata fi Stat Membru ieħor tkun disponibbli wkoll. Timponi wkoll li l-Istat Membru li fih tingħata s-sentenza jkollu l-obbligu li jiżgura li s-sentenzi kollha jkunu akkumpanjati b'tagħrif dwar in-nazzjonalità tal-persuna kkundannata u biex jaġġorna u jwassal kull tagħrif rilevanti lill-Istat Membru li l-persuna kkundannata tkun ċittadin tiegħu.

F'Ġunju tal-2007, il-Kunsill tal-JHA laħaq ftehim politiku dwar il-proposta għal deċiżjoni ta' qafas, li tinkorpora r-regoli stabbiliti fid-deċiżjoni tal-2005 u ladarba tkun fis-seħħ toħdilha postha.

Il-proposta għal deċiżjoni rigward l-ECRIS hija maħsuba, kif meħtieġ mill-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni ta' Qafas, biex tissupplimenta f'kuntest tekniku u tal-IT s-sistema stabbilità mill-istrumenti regolatorji preċedenti.

Il-prinċipji bażiċi, għal darb' oħra, ma jinbidlux:

- Il-punt ta' riferiment jibqa' l-Istat Membru li l-persuna kkundannata tkun ċittadin tiegħu;
- L-informazzjonijiet huma miżmuma fir-rekords kriminali ċentrali nazzjonali u mhumiex direttament aċċessibbli għar-rekords ta' Stati Membri oħra;
- L-Istati Membri l-oħra jimmaniġġjaw u jaġġornaw il-bażi tad-dejta tagħhom;

Apparti dan, biex ikun iffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni, ġew elaborati kodiċi ta' riferiment għal bosta kategoriji differenti ta' reati (Anness A) u pieni (Anness B).

Huwa osservat ukoll li f'Ġunju 2006 beda proġett pilota li jinvolvi l-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u Spanja u li joħloq interkonnessjoni elettronika bejn ir-rekords ċentrali ta' dawn il-pajjiżi. Sadanittant, wara s-suċċess li kellu dan il-proġett, anki pajjiżi oħra ngħaqdu miegħu.

Pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur iħares b'mod pożittiv lejn din il-proposta li tikkonkretizza mil-lat tekniku l-istruttura tar-rekords kriminali Ewropej, hekk kif definita mid-deċiżjoni ta' qafas 2008/XX/GAI rigward l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambji bejn l-Istati Membri ta' informazzjoni estratta mir-rekonrds kriminali.

B'mod partikulari r-rapporteur jinnota li l-iskop ta' din il-proposta attwali huwa li jitwettqu l-prinċipji diġà kkordinati fi strumenti regolatorji ta' qabel u b'hekk tinħoloq dik l-interkonnessjoni elettronika fost ir-rekords nazzjonali li n-nuqqas tagħha s'issa fixklet l-operat effettiv tar-rekords Ewropej. L-emenda numru 1 għandha l-għan li tiċċara kif għandu jintuża l-istrument regolatorju attwali b'enfasi fuq il-fatt li dan mhuwiex fil-mira tiegħu li jistabbilixxi regoli ġodda, iżda li jżid ma dawk li diġà jeżistu rekwiżiti tekniċi li għandhom bżonnhom biex isiru operattivi.

Bl-istess mod l-emenda numru 3 għandha l-għan li tiċċara l-ambitu tal-proposta u tispeċifika li l-Annessi A u B ma għandhomx l-għan li jarmonizzaw il-pieni kriminali u s-sanzjonijiet hawnhekk ikkunsidrati, li se jibqgħu maqtugħa mill-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Il-bżonn li jinsab punt ta' kuntatt fost is-27 sistema legali differenti, li għalihom jikkorrispondu l-istess ammont ta' sensibiltajiet soċjo-legali, wasslet lill-Kummissjoni biex tqassar fi ftit kliem ir-reati penali li jinsabu fil-kategorija tal-Anness A. Is-sistema proposta hija magħmula minn kaxex sempliċi li għandhom il-vantaġġ kbir li jistgħu "jinqraw" mill-Istati Membri kollha iżda għandhom ir-riskju li f'xi każijiet ma jkunux adegwati jew adattati. Konxju mill-approssimazzjoni li diffiċli tingħeleb li dan l-isforz ta' tqassir iġib miegħu, il-Kummissjoni pprevediet anki xi kategoriji "miftuħa" li pero, min-natura tagħhom stess huma aktar vagi. Din il-ġeneralizzazzjoni għandha għalhekk tiġi solvuta billi l-awtoritajiet ġudizjarji jingħataw l-istrumenti kollha indispensabbli biex jifhmu u jinterpretaw bl-aħjar mod l-informazzjoni disponibbli. B'mod partikulari qed issir referenza għall-elementi li jikkostitwixxu r-reat, li jridu jsiru aċċessibbli għall-awtoritajiet ġudizjarji, aktar u aktar meta r-reat ma jidħolx f'waħda mis-sottokategoriji iżda jidħol f'kategorija miftuħa.

Proprju għaliex evalwazzjoni dettaljata tar-rilevanza tal-estratti tar-rekords ta' Stat Membru ieħor ma tistax ma tkunx marbuta ma informazzjoni adegwata dwar in-natura tar-reat penali li

dwaru huwa l-estratt, fl-emendi 2 u 6 qed ikun propost li l-mod li bih l-Istati Membri jinnotifikaw il-lista msemmija fl-Artikolu 5.1 (a) tinkludi, b'mod obbligatorju, id-deskrizzjoni tal-elementi li jikkostitwixxu r-reat.

Tibqa' madankollu l-possibilità għall-awtoritajiet ġudiżżjarji li jkunu qed jipproċedu li jirrikjedu, fejn iqisu meħtieġ, it-test sħiħ tas-sentenza jew affarijiet oħra li jiċċaraw is-sitwazzjoni. F'dan il-każ pero iridu jintużaw il-mezzi tradizzjonali tal-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet penali li jistgħu jirriżultaw fi proċessi twal u kumplessi.

Ir-rapporteur jittama f'dan ir-rigward li jkunu qegħdin f'posthom mill-aktar fis possibbli xi strumenti elettroniċi li għandhom l-għan li jħaffu dawn ir-rikjesti u jippermettu l-awtoritajiet ġudizjarji li jiksbu l-informazzjoni meħtieġa f'qasir żmien.
F'dan il-kuntest qed jiġi mfakkar li l-proposta tal-ECRIS tidħol fil-kuntest aktar ġenerali tas-sistema tal-ġustizzja elettronika *E-justice* li għandu l-għan ukoll li jippermetti komunikazzjoni akbar u aktar malajr bejn l-awtoritajiet ġudizjarji tal-Istati Membri.

Finalment, rigward l-emendi 4, 7 u 8, dawn huma bbażati fuq dak li ġie mtenni dan l-aħħar mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni dwar il-kawża numru C-133/06 punti 54 u ta' wara, fejn jiġi mfakkar li r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-ħolqien tar-rieda tal-istituzzjonijiet komunitarji isibu l-għajn tagħhom fit-Trattat u ma jistax ikun hemm deroga tagħhom la mill-Istati Membri u lanqas mill-istess istituzzjonijiet. Fl-opinjoni tal-Qorti, li jkun rikonoxxut li istituzzjoni tista' tistabbilixxi bażijiet legali sekondarji, kemm biex jissaħħu jew biex ikunu ffaċilitati regoli dettaljati għall-adozzjoni ta' att legali, tfisser l-istess bħal li dik l-istituzzjoni tingħata s-setgħa leġiżlattiva li tmur lilhinn minn dik mogħtija mit-Trattat. Dan jippermetti wkoll lill-istituzzjoni kkonċernata biex iddgħajjef il-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali li jeħtieġ li kull istituzzjoni trid teżerċita s-setgħat tagħha b'attenzjoni għas-setgħat ta' istituzzjonijiet oħra. Anqas, kif stqarret il-Qorti, l-adozzjoni ta' bażijiet legali sekondarji ma jistawx jiġu ġġustifikati fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu man-natura politikament sensittiva tal-kwistjoni kkonċernata biex tkun żgurata l-effettività ta' azzjoni Komunitarja.

Il-proċedura mressqa mill-Kummissjoni Ewropea, li topera permezz ta' kumitat ippresjedut minnha stess, ma għandha x'taqsam xejn mat-Titolu VI tat-Trattat tal-UE u tagħti lok għall-ħolqien ta' sorsi legali derivati mhux meqjusa mit-Trattat innifsu.
L-emendi 4, 7 u 8 għandhom l-għan li jikkonformaw il-proposta tal-Kummissjoni mal-pożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u biex jagħmlu mod li l-miżuri ta' twettiq li jaffettwaw il-kontenut tad-deċiżjoni jiġu adottati b'mod konformi għall-Artikoli 34 u 39 tat-Trattat tal-UE.

Mil-lat tal-ħarsien tad-dejta, punt li dwaru hemm sensibilità kbira fi ħdan il-Kumitat LIBE, ir-rapporteur josserva b'sodisfazzjon li ma hemmx punti x'jitressqu għall-proposta tal-Kummissjoni.

Bl-iżvilupp tal-prinċipji diġà miksuba fid-deċiżjoni ta' qafas, filfatt, id-deċiżjoni attwali tistabbilixxi li kull Stat Membru se jiċċentralizza l-informazzjonijiet marbuta maċ-ċittadini tiegħu. L-informazzjoni se tkun immaniġġjata mill-amministrazzjoni ċentrali li hija l-unika li għandha aċċess għall-interkonnessjoni ma' rekords Ewropej oħra. Dan ifisser li lanqas l-awtoritajiet ġudizjarji ma għandhom aċċess għar-rekords Ewropej, li jridu jindirizzaw it-talbiet tagħhom għall-informazzjoni liċ-ċentru tar-rekords kriminali f'pajjiżhom li min-naħa tiegħu jieħu ħsieb li jibgħat it-tagħrif lill-pajjiż/i kkonċernat/i. Se tkun dejjem l-

amministrazzjoni ċentrali li tirċievi l-informazzjoni mitluba u fl-aħħar nett, tibgħatha lill-awtorità legali li titlobha. Ir-rapporteur jittama bis-saħħa li l-ġestjoni tar-rekords ċentrali nazzjonali tkun, anki fil-ġejjieni, riżervata għall-awtoritajiet nazzjonali.

It-twissija għall-attenzjoni, li tinsab fil-premessa 14 tal-proposta, tad-deċiżjoni ta' qafas dwar il-ħarsien tad-dejta personali ttrattata fl-ambitu tal-koperazzjoni legali u tal-pulizija fi kwistjonijiet penali, tassigura li l-istandards hawnhekk ippreżentati jkunu garantiti anki fil-każ ikkonċernat.
F'dan ir-rigward qed tingħibed l-attenzjoni għall-opportunità li tiġi allineata l-premessa 10 tad-deċiżjoni ta' qafas 2008/XX/GAI rigward l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambji bejn l-Istati Membri tal-informazzjoni estratta mir-rekords kriminali, li tagħmel referenza għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħarsien tal-persuni rigward it-trattament awtomatizzat tad-dejta personali, adottata fi Strasburgu fit-28 ta' Jannar 1981, mal-premessa 14 tad-deċiżjoni attwali li ġustament iżda tipposponi għad-deċiżjoni ta' qafas, dwar il-ħarsien tad-dejta personali ttrattata fl-ambitu tal-koperazzjoni legali u tal-pulizija fi kwistjoni penali.

Dejjem fil-kuntest tal-ħarsien tad-dejta, ir-rapporteur jaqbel mal-għażla li tintuża s-sistema S-Testa, li tiggarantixxi dik is-sigurtà li hija essenzjali meta nkunu qed nitkellmu dwar informazzjoni daqshekk sensibbli. Ir-rapporteur jirrakkomanda li tkompli tintuża s-sistema S-Testa u li ma jkunx permess li tagħrif estratt mir-rekords kriminali jiġu mgħoddija permezz tal-internett jew kanali oħra li ma jiggarantux l-ogħla standards ta' sigurtà.

Konklużjoni

Ir-rapporteur hu konvint ħafna bil-ħtieġa li l-interkonnessjoni elettronika tar-rekords titwettaq kemm jista' jkun malajr u li mingħajr il-proposta kkonċernata d-deċiżjoni ta' qafas li għandha x'taqsam mal-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambji bejn l-Istati Membri tal-informazzjoni estratta mir-rekords kriminali tibqa bħala ittra mejta.

L-emendi proposti, għalhekk, jaspiraw prinċipalment biex il-kontenut tad-deċiżjoni jsir aktar ċar u jkun iffaċilitat aktar l-użu tal-informazzjoni miksuba.

Ir-rapporteur huwa konxju wkoll li t-twettiq prattiku tas-sistema ta' interkonnessjoni se titlob aġġornament kostanti kif ukoll miżuri u adattamenti tekniċi. Josserva madankollu, li s-soluzzjoni proposta mill-Kummissjoni Ewropea ma tidhirx li hija konformi mat-Trattati fis-seħħ, u lanqas ma tirrispetta l-pożizzjoni mtennija dan l-aħħar mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tas-sorsi tar-rekords kriminali. Għal dan il-għan ir-rapporteur jitlob lill-Kunsill biex jirrispetta t-Trattati u b'mod partikulari l-Artikoli 34 u 39 tat-Trattat tal-UE.